GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT,
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦAS-SNIN BIKRIN, LINGWI U STUDJI UMANISTIĊI

Heritage Malta

# SERJE TA' TAĦDITIET U PROGRAMMI FL-ISKEJJEL TA' MALTA U GĦAWDEX

Dawn it-taħditiet isiru minn rappreżentanti/għalliema li jaħdmu ma' Heritage Malta via Microsoft Teams jew b'mod fiżiku fl-iskola skont l-arranġamenti li jkunu saru mar-rappreżentanti/għalliema. Kull taħdita iddum bejn tlett kwarti sa siegħa skont l-arranġamenti. Dawn it-taħditiet isiru bil-Malti, iżda jistgħu jsiru ukoll bl-Ingliż. Din l-informazzjoni għandha tiġi indikata fil-formola tal-applikazzjoni. Sabiex tibbukkjaw ibagħtu email fuq education.heritagemalta@heritagemalta.org u christian.formosa@ilearn.edu.mt. Il-booking tiegħek ma jiġix aċċettata sakemm tasal email ta' konferma minn Heritage Malta.

F'każ li xi skola tkun tixtieq dati alternattivi, għanda issir talba permezz ta' email u jekk tkun possibbli jsiru l-arranġamenti meħtieġa.

Grazzi tal-kooperazzjoni,
Christian Formosa (christian.formosa@ilearn.edu.mt)

| Attività | Deskrizzjoni | Sena | Kisbiet mit-Tagħlim tal-Ħiliet | Skejjel | Data |
|---|---|---|---|---|---|
| **T1-25/26 - Malta fit-Tieni Gwerra Dinjija**<br><br>**(Programm ġdid)** | Dan il-programm jieħu forma ta' preżentazzjoni dwar Malta fit-Tieni Gwerra Dinjija. Il-preżentazzjoni titratta il-bidu tal-gwerra fl-Ewropa, l-ewwel bumbardamenti fl-1940, l-attakk fuq l-HMS Illustrious, is-sitwazzjoni diffiċili fl-1942, il-gwerra fl-Afrika ta' fuq fl-1943 u kif l-Italja ċediet f'Settembru 1943. L-aħħar parti tal-preżentazzjoni titratta ir-rikostruzzjoni u l-memorja kollettiva tal-gwerra. | Is-6 sena 'l fuq | Studji Soċjali - S6.3 - Meta Missirijietna Ġew Attakkati 2<br><br>Storja 10.5 - It-Tieni Gwerra Dinjija | L-iskejjel primarji, medji u sekondarji ta' Malta u Għawdex | 8, 9, 12, 13, 14, 15, 16 ta' Jannar 2026<br><br>2, 3, 4, 5, 6 ta' Frar 2026 |
| **T2-25/26 - L-Olokawst /**<br><br>**Ann Frank** | Is-27 ta' Jannar huwa l-jum internazzjonali li fih niftakru fis-sitt miljun Lhudi maqtula waqt l-Olokawst, flimkien mal-miljuni ta' nies oħra maqtula taħt il-persekuzzjoni Nażista u f'ġenoċidji li segwew fil-Kambodja, ir-Rwanda, il-Bosnja u d-Darfur. Il-ġurnata ntgħażlet peress li timmarka l-anniversarju tal-ħelsien ta' Auschwitz-Birkenau, l-akbar kamp tal-mewt tan-Nażisti. Il-Jum tat-Tifkira tal-Olokawst daħal fis-seħħ wara li saret sessjoni speċjali fl-24 ta' Jannar 2005 li matulha l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti mmarkat is-60 anniversarju mill-ħelsien tal-kampijiet ta' konċentrament Nazisti u t-tmiem tal-Olokawst. Fl-aħħar tal-programm l-istudenti jiġu mogħtija infografika dwar l-Olokawst. | Is-7 sena 'l fuq | Storja<br>10 - Iddiskuti l-bidu u n-natura tar-reġimi totalitarji u l-impatt tagħhom, inkluż studju tal-Ġermanja Nażista u l-Olokawst<br><br>Studji Soċjali - Edukazzjoni għad-Demokrazija | L-iskejjel medji u sekondarji ta' Malta u Għawdex | 8, 9, 12, 13, 14, 15, 16 ta' Jannar 2026<br><br>2, 3, 4, 5, 6 ta' Frar 2026 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **T3-25/26 - Jum it-Tifkira** | Dan il-programm jieħu forma ta' preżentazzjoni dwar l-Ewwel Gwerra. Tinqara poeżija marbuta mal-gwerra. Mal-programm hemm marbut dokumentarju qasir dwar iċ-Ċimiterju Navali tal-Kalkara. Fl-aħħar parti hemm il-ħolqien ta' arti spirata mill-ġrajja. Fl-aħħar tal-programm l-istudenti jiġu mogħtija infografika dwar l-Ewwel Gwerra Dinjija. | Is-6 sena 'l fuq | Storja - 11.4 L-użu tal-qagħda strateġika ta' Malta matul iż-żmien | L-iskejjel primarji, medji u sekondarji ta' Malta u Għawdex | 8, 9, 12, 13, 14, 15, 16 ta' Jannar 2026<br><br>2, 3, 4, 5, 6 ta' Frar 2026 |
| **T4-25/26 - L-Ipoġew ta' Ħal Saflieni** | Dan il-programm huwa maħsub għall-istudenti tas-6/7 sena. Dan jieħu forma ta' preżentazzjoni PowerPoint li tħares lejn kif ġie misjub, u x'insibu fis-sit, b'ħin għal diskussjoni dwar is-sit. Fl-aħħar tal-programm l-istudenti jiġu mogħtija infografika dwar is-sit. | Is-6 sena 'l fuq | Studji Soċjali<br><br>Storja: 7.1 – Qabel l-Istorja, 11.1 - Il-Preistorja | L-iskejjel primarji, medji u sekondarji ta' Malta u Għawdex | 8, 9, 12, 13, 14, 15, 16 ta' Jannar 2026<br><br>2, 3, 4, 5, 6 ta' Frar 2026 |
| **T5-25/26 - Id-Dgħajsa tal-Latini** | Dan il-programm huwa maħsub għall-istudenti tal-10 sena u jiffoka fuq l-akbar dgħajsa tradizzjonali tal-gżejjer Maltin. Il-programm huwa msejjes fuq il-materjal awdjo-viżiv maħluq għas-sensiela 'Mewweġ' u jittratta aspetti differenti marbuta mal-bini tad-dgħajjes, mal-preservazzjoni u mal-Mużew Marittimu. Fl-aħħar tal-programm l-istudenti jingħataw infografika tad-Dgħajsa tal-Latini. | Il-5 sena 'l fuq | Studji Soċjali - Mezzi tat-trasport fil-passat<br><br>Storja - 10.3.3 - Id-dħul ta' mezzi ta' trasport pubbliku differenti matul is-sekli 19 u 20 | L-iskejjel primarji u medji u sekondarji ta' Malta u Għawdex | 8, 9, 12, 13, 14, 15, 16 ta' Jannar 2026<br><br>2, 3, 4, 5, 6 ta' Frar 2026 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **T6-25/26 - Kurżitajiet mill-Kollezzjoni**<br><br>**(Programm ġdid)** | Din il-preżentazzjoni tittratta l-għeruq u l-evoluzzjoni tal-mużewijiet minn kollezzjonijiet privati għal dawk pubbliċi. Din tkompli dwar l-istorja tal-mużewijiet fil-gżejjer Maltin. Fl-aħħar parti tal-programm l-istudenti jiskopru oġġetti kurjużi li jiffurmaw parti mill-kollezzjoni li tinsab fil-Palazz tal-Inkwiżitur u Mużew Nazzjonali tal-Etnografija fil-Birgu. | Is-6 sena 'l fuq | Storja – L-Użu tal-Evidenza | L-iskejjel primarji, medji u sekondarji ta' Malta u Għawdex | 8, 9, 12, 13, 14, 15, 16 ta' Jannar 2026<br><br>2, 3, 4, 5, 6 ta' Frar 2026 |
| **T7-25/26 - Il-Wirt Kulturali Malti**<br><br>**(Programm ġdid)** | Din il-preżentazzjoni hija maqsuma fi tnejn: l-ewwel parti hija dwar il-wirt kulturali Malti li tinkludi l-wirt naturali, storiku u intanġibbli. It-tieni parti hija marbuta mal-wirt intanġibbli tal-Gżejjer Maltin (il-Ftira, l-Għana u l-Festi). Il-kisbiet mit-tagħlim ta' din il-preżentazzjoni huma marbuta mal-identità nazzjonali. | Is-6 sena 'l fuq | Studji Soċjali – Identità Nazzjonali<br><br>Storja - Identità Nazzjonali | L-iskejjel primarji, medji u sekondarji ta' Malta u Għawdex | 8, 9, 12, 13, 14, 15, 16 ta' Jannar 2026<br><br>2, 3, 4, 5, 6 ta' Frar 2026 |